# ĦIDMA TAS-SORIJIET AGOSTINJANI F' ĦDAN IL-PARROĊĊA

Il-Kongregazzjoni tagħna s-Sorijiet Agostinjani, Servi ta' Ġesu' u Marija ġiet imwaqqfa fit-23 ta' Settembru 1827 minn Madre Tereza Spinelli (li kienet Rumana) fi Frosinone, l-Italja. Din waqqfet skola, edukandat, orfantrofju u ħasbet ħafna għal ħidmiet soċjali. Minn Frosinone, wara mewtha, ir-reliġjużi tagħha nfirxu f'postijiet oħra fl-istess provinċja ta' Frosinone, kif ukoll f'Ruma u bnadi oħra fl-Italja.

Mons. Pietru Pace (li kien mir-Rabat Għawdex), kien jaf lis-Superjura Ġenerali u xi sorijiet oħra. il-ħajja eżemplari ta' dawn ir-reliġjużi qawwietu biex isassl din il-fundazzjoni f'Malta. Għalhekk fl-1875 ħajjar lil tliet tfajliet aħwa Għawdxin biex imorru Frosinone u jsiru midħla ta' dawn is-sorijiet. Lil dawn l-aħwa għoġbithom il-ħajja komunitarja tas-Sorijiet Agostinjani, Servi ta' Ġesu' u Marija. Dan jidher ċar il-fatt li tfajliet oħrajn ġew warajhom. Infatti ċċelebrajna ċ-ċentinarju ta' Malta 1994.

Nhar is-6 ta' Awissu 1894 infetħet l-ewwel dar f'Malta f'Ħal Qormi. Sadattant, minn Ħal Qormi nfrixna fi rħula oħrajn, fil-Mosta, il-Gżira, ir-Rabat, Għajnsielem, Għawdex, B'Kara. Kien fl-1973 li dħalna f'San Pawl il-Baħar. Noffru servizzi ukoll fin-Nunzjatura.

Billi l-Vokazzjonijiet baqgħu jiżdiedu, ħriġna ukoll barra minn Malta. Hekk insibu l-kunventi fl-Awstralja, fl-Inghilterra u l-Amerika.

Bil-għajnuna t'Alla ftaħna ukoll djar fl-artijiet tal-Missjoni - fil-Brazil, fl-Afrika, fil-Filippini u fl-Indja.

Il-mudell tal-komunita' tagħna qed tkun mibnija fuq il-Knisja ċkejkna ta' Ġerusalemm ta' l-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu. Hi mibnija fuq l-imħabba għall-Kelma t'Alla, l-imħabba lejn l-Ewkaristija; u fuq l-għaqda ta' bejn l-aħwa. Din hi l-aqwa xhieda li nistgħu nagħtu lill-poplu t'Alla.

Dawn it-tliet elementi: il-Kelma t'Alla, l-Ewkaristija u l-għaqda ta' bejnietna huma l-benniena ta' l-Appostolat. Bħala Agostinjani, l-ewwel appostolat tagħna hu l-ħajja fraterna ta' bejnietna. Aktar ma jkun qawwi u ġenwin dan l-ispirtu aktar ikun fejjiedi l-appostolat.
Fil-Knisja lokali l-Appostolat tagħna qed jintlaħaq permezz ta':

- tagħlim tal-katekiżmu fil-parroċċa;
- sehem fil-kunsill parrokkjali u fil-Leġjun ta' Marija;
- xogħol ieħor pastorali, bħal tqarbin lill-anzjani, żjajjar fid-djar, animazzjoni fil-Liturġija, eċċ.;
- Għajnuna lill-fqar u mmorru nevaġelizzaw;
- ħidma vokazzjonali u formazzjoni nisranija mal- *Pre-teens* u *teenagers*.

Il-Kelma li tqawwilna qalbna biex ngħixu il-ħajja tagħna hi t-Testment li ħallitilna l-Fundatriċi: "Ftakru li din id-dar inbniet bl-imħabba, tispiċċa din tispiċċa d-dar".

Imsaħħin għalhekk mill-imħabba ta' Kristu li ssawbet fi qlubna, aħna nħarsu dejjem 'il quddiem sabiex infittxu lil Alla flimkien u filwaqt li nissieħbu fil-pjan Tiegħu għalina nagħrfu ngħadduh lil-oħrajn.

***Sr. Tessie Magro***

---

*Ringrazzjament speċjali lill-Board Editorjali ta' dan il-Programm tal-Festa, li b'tant ħeġġa, dedikazzjoni u sagrifiċċju ħadmu biex dan il-Programm tal-Festa 1999 joħroġ sabieħ.*
*Ringrazzjament speċjali lill:*
*Alex Camilleri għall-ġbir tar-riklami*
*Pullu u Evelyn Frendo - Xogħol fuq ir-Riklami*
*Patri Elija Vella u Angela Fazackerly - Kitba tax-xahar*
*Alfons Marija Vella - Kitba u korrezjoni tat-text*
*Charvin Press & Co. Ltd. - Stamperija*
*Ringrazzjament ukoll il dawk li jiktbu xi artiklu jew irreklamaw f'dan il-Programm tal- Festa 1999.*

*Ringrazzjament lil dawk kollha li jqassmu dan il-Programm.*
*Ringrazzjament lil dawk in-nies kollha ddedikati, li b'xi mod jew ieħor jgħinu s-sena kollha fil-Parroċċa li huma tant iħobbu u tant jaħdmu minn qalbhom. Grazzi.*

*Rigrazzjament partikulari lill Kumitat tal-Festa li tant ħadem u stinka matul is-sena kollha. Prosit tal-pavaljuni ġodda illi ser inżanżnu din is-sena bis-saħħa tagħhom.*
*Il-Kappillan*